31999D0427

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI
tat-28 ta' Mejju 1999
li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti ta' l-eko-tikketta Komunitarja għal diterġenti għal dishwashers

(notifikati taħt dokument numru K(1999) 1377)

(Test b'rilevanza għall-ŻEE)

(1999/427/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 880/92 tat-23 ta' Marzu 1992 dwar skema ta' għoti ta' tikketta eko tal-Komunità [1], u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu ta' Artikolu 5(1) tiegħu,

(1) Billi l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KEE) Nru 880/92 jipprovdi li l-kondizzjonijiet għall-għoti ta' eko-tikketta tal-Komunità għandhom ikunu definiti skond il-grupp tal-prodott;

(2) Billi l-Artikolu 10(2) tar-Regolament (KEE) Nru 880/92 jiddikjara li l-kapaċità ambjentali ta' prodott għandha tiġi stmata b'referenza għall-kriterji speċifiċi għal gruppi ta' prodotti;

(3) Billi l-Artikolu 4(2)(a) tar-Regolament (KEE) Nru 880/92 jiddikjara li ma għandhiex tingħata eko-tikketta għal prodotti li huma sustanzi jew preparazzjonijiet klassifikati bħala perikoluż bi qbil mad-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE [2] kif l-aħħar emendata b'Direttiva tal-Kummissjoni 98/73/KE [3] u d-Direttiva tal-Kunsill 88/379/KEE [4] kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 96/65/KE [5], iżda tista' tingħata għal prodotti li jkun fihom sustanzi u preparazzjonijiet bħal dawn sakemm jissodisfaw l-għanijiet ta' l-iskema ta' għoti ta' eko-tikketta tal-Komunità;

(4) Billi d-diterġenti għal *dishwasher*s fihom sustanzi jew preparazzjonijiet klassifikati bħala perikoluż bi qbil mad-Direttivi msemmija fuq;

(5) Billi l-kriterji ekoloġiċi stabbiliti b'din id-Deċiżjoni jinkludu, b'mod partikolari, ostakoli u xkiel li jillimitaw għal ammont minimu l-kontenut ta' sustanzi u preparazzjonijiet klassifikati bħala perikoluż fid-diterġenti li jistgħu jingħataw eko-tikketta;

(6) Billi d-diterġenti li jikkonformaw ma' dawn il-kriterji għalhekk għandhom impatt ambjentali imnaqqas u jissodisfaw l-għanijiet ta' l-iskema ta' għoti ta' eko-tikketta tal-Komunità;

(7) Billi bi qbil ma' l-Artikolu 6 tar-Regolament (KEE) Nru 880/92 il-Kummissjoni kkonsultat lill-gruppi konċernati prinċipali f'forum ta' konsultazzjoni;

(8) Billi l-kumitat imwaqqaf bl-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KEE) Nru 880/92 ma tax opinjoni dwar il-miżuri preskritti f'abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kummissjoni;

[1] ĠU L 99, tal-11.4.1992, p. 1.
[2] ĠU Ċ 196, tas-16.8.1967, p.1.
[3] ĠU L 305, tas-16.11.1998, p. 1.
[4] ĠU L 187, tas-16.7.1988, p. 14.
[5] ĠU L 265, tat-18.10.1996, p. 15.

(9) Billi għalhekk il-Kummissjoni pproponiet dawn il-miżuri lill-Kunsill nhar is-27 ta' Jannar 1999 bi qbil ma' Artikolu 7(4) tar-Regolament (KEE) Nru 880/92;

(10) Billi l-Kunsill ma aġixxiex fi żmien tliet xhur mid-data li fiha sar referenza għaliha;

(11) Billi bi qbil ma' l-Artikolu 7(5) tar-Regolament (KEE) Nru 880/92 il-miżuri issa għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-grupp ta' prodotti "diterġenti għal *dishwashers*" tfisser id-diterġenti kollha li jkunu maħsuba sabiex jintużaw f'*dishwashers* domestiċi awtomatiċi.

Artikolu 2

Il-prestazzjoni ambjentali u l-konvenjenza għall-użu tal-grupp tal-prodott, kif definit fl-Artikolu 1, għandhom jiġu stmati b'referenza għall-kriterji speċifiċi ta' ekoloġija u kapaċità preskritti fl-Anness u f'Appendiċi IA, IB, II, III u IV.

Artikolu 3

Id-definizzjoni tal-grupp ta' prodotti u l-kriterji ekoloġiċi speċifiċi għall-grupp ta' prodott għandha tkun valida għal perjodu ta' tliet snin mill-ewwel ġurnata tax-xahar ta' wara l-adozzjoni tal-kriterji.

Artikolu 4

Għal għanijiet amministrattivi n-numru tal-kodiċi tal-grupp tal-prodott mogħti lil dan il-grupp tal-prodott għandu jkun "15".

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-28 ta' Mejju 1999.

Għall-Kummissjoni

Ritt BJERREGAARD

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

IL-QAFAS

Il-ħtiġiet ġenerali stabbiliti bir-Regolament (KEE) Nru 880/92 dwar skema ta' għoti ta' tikketta tal-Komunità u l-kriterji speċifiċi ta' dan l-Anness għandhom japplikaw għall-għoti ta' eko-tikketta għal diterġenti għal *dishwashers*.

Dawn il-kriterji għandhom l-għan li jippromwovu:

— **it-tnaqqis ta' tniġġis ta' l-ilma kemm billi titnaqqas il-kwantità ta' diterġent użat u kemm billi tkun limitata l-kwantità ta' ingredjenti li jagħmlu l-ħsara,**

— **il-minimizzazzjoni tal-produzzjoni tal-ħela billi jitnaqqas l-ammont ta' l-imballaġġ primarju u jkun promoss l-użu mill-ġdid u/jew ir-riċiklaġġ tiegħu,**

— **it-tnaqqis fl-użu ta' enerġija billi jiġu promossi diterġenti ta' temperatura baxxa.**

Barra minn hekk, il-kriterji jkabbru l-għarfien ambjentali tal-konsumatur.

1. UNITA' FUNZJONANTI U DOŻAĠĠ TA' REFERENZA

1.1. Unità Funzjonanti

L-unità funzjonanti għandha tkun il-kwantità ta' prodott meħtieġa sabiex jinħaslu 12-il pożata bi ħmieġ normali (kif iddefinit bid-*DIN* jew l-OSI *standards*).

1.2. Dożaġġ ta' referenza

Id-dożaġġ irrakkomandat mill-manifattur lill-konsumaturi għal dixxijiet maħmuġin normali u 12-il pożata jittieħed bħala dożaġġ ta' referenza taħt kondizzjonijiet standard.

2. KRITERJI PRINĊIPALI

2.1. Kriterji ekoloġiċi dwar ingredjenti

Parametri prinċipali

Jiġu kkunsidrati l-parametri segwenti:

— sustanzi kimiċi totali,

— volum ta' dilwizzjoni kritiku, tossiċità (VDKtos),

— fosfati (bħala *STPP*) ([1]),

— sustanzi organiċi mhux biodegradabbli (aerobiċi) (NBDO aerobiċi),

— affarijiet organiċi mhux biodegradabbli (anaerobiċi) (NBDO anaerobiċi),

Appendiċi II jippreżenta d-definizzjoni tal-parametri użati fil-kalkolazzjonijiet. Dawn il-parametri jiġu kkalkolati u mfissra bħala g/ħasla, jew l/ħasla, fejn ikun adattat. Jiġu miġbura u stmati bħala ħaġa waħda, skond il-metodu ppreżentat f'dan id-dokument.

Fatturi ta' mmarkar/żamma ta' rekords

Il-lista segwenti tagħti fil-qasir il-kriterji magħżula, l-ostakoli ta' esklużjoni tagħhom, il-fatturi ta' *weighting* u l-akbar riżultat li jista' jintlaħaq. Il-formoli tas-sistema ta' mmarkar li għandha tiġi użata sabiex jinħadem ir-riżultat fir-rigward ta' kull kriterju huma ppreżentati f'punt 2.3.

([1]) L-inklużjoni ta' dan il-kriterju proviżorju għandha l-għan li tieħu ħsieb tal-potenzjal ta' ċerti diterġenti sabiex tikkontribwixxi għall-ewtrofikazzjoni. Tinħata kunsiderazzjoni biex jinbidel dan il-kriterju bi kriterju ibbażat fuq l-impatt meta tiġi rriveduta din id-Deċiżjoni, fid-dawl ta' żviluppi futuri fit-tagħrif xjentifiku, id-disponibbilità ta' data relevanti u s-sitwazzjoni fattwali.

Diterġenti għas-sistema ta' kalkolazzjoni ta' mmarkar/żamma ta' rekords ta' *dishwashers*

Kriterju	Marka				Osta-koli ta' esklużjoni	Fattur ta' piż	total
	4	3	2	1			
Sustanzi kimiċi totali	16,5	18	19,5	21	22,5	3	12
Volum kritiku ta' dilwizzjoni, tos.	60	120	180	240	250	8	32
Fosfati (bħala *STPP*)	0	3	6	9	10	2	8
Organiċi mhux bio-degradabbli (aerobiċi)	0	0,05	0,10	0,15	1	1	4
Organiċi mhux bio-degradabbli (anaerobiċi)	0	0,05	0,10	0,15	0,2	1,5	6
Total							62
Marka minima mehtiega	26						

Noti:
Il-valuri kollha huma mfissra f'g/ħasla, minbarra it-VDK_{tos}, valur li huwa mfisser f'l/ħasla.
W = fattur ta' mmarkar H_{EXCI}. = ostakolu.

2.2. **Livell ta' għadda/ma għaddiex għall-għoti ta' eko-tikketta**

Is-somma tal-marki li għandhom x'jaqsmu mal-ħames kriterji dwar l-ingredjenti għandha tkun ugwali jew akbar minn 26.

Il-valur ta' l-ostakoli ta' esklużjoni ma għandux jinqabeż taħt kwalunkwe kriterju. Il-prodott għandu jkun ukoll in konformità mas-sett ta' kriterji preskritt f'partijiet oħra ta' dan l-Anness.

2.3. **Kalkolazzjonijiet dwar il-kriterji ekoloġiċi dwar l-ingredjenti**

Database ta' Ingredjenti ta' Diterġenti (lista-DID)

Appendiċi I.A jippreżenta d-database ta' Ingredjenti ta' Diterġenti (lista-*DID*) li għandha tiġi użata għall-kalkolazzjonijiet dwar il-kriterji ta' l-ingredjenti. Data dwar il-valur tat-tgħabbir, tossiċità, mhux biodegradabbli (aerobiku) mhux biodegradabbli (anaerobiku) hija mniżżla għall-ingredjenti prinċipali f'Appendiċi I.A. u dawn id-data għandhom jintużaw għall-kalkolazzjoni li għandha x'taqsam ma' dawn l-ingredjenti.

Il-kriterji:

— sustanzi kimiċi totali

— mhux biodegradabbli (aerobiċi/anaerobiċi)

— fosfati (bħala *STPP*)

huma maħduma għal kull ingredjent billi jkun ikkunsidrat id-dosaġġ għal kull ħasla, kontenut ta' ilma u persentaġġ tal-piż fil-formulazzjoni u dawn jingħaddu għal kull formolazzjoni tal-prodott.

Il-kriterju dwar tossiċità ta' volum ta' dilwizzjoni kritiku jiġi kkalkolat għal kull ingredjent bil-formula:

VDK_{tos}

$$VDK_{tos} = \frac{\text{Dożagg} \times \text{fattur ta tgħabbir}}{\text{effett fuq żmien fit-tul}} \times 1000$$

Proċedura għall-kalkolazzjoni ta' kriterji u marki

Jintużaw il-formuli segwenti, għall-kalkolazzjonijiet tal-marki:

Sustanzi kimiċi totali (KT):

Jekkkt > 22,5 g/ħasla	allura	ESKLUŻJONI
Jekkkt ≤ 21 g/ħasla	allura	Marka = 15 – kt/1,5
Jekk22,5 ≥ kt > 21 ħasla	allura	Marka = 0
Jekkkt ≤ 16,5 g/ħasla	allura	Marka = 4

Marka massima = 4

Tossiċità ta' volum ta' dilwizzjoni kritika (VDK_{tos}):

JekkVDK_{tos} > 250 l/ħasla	allura	ESKLUŻJONI
JekkVDK_{tos} ≤ 240 l/ħasla	allura	Marka = 5 – VDK_{tos}/60
Jekk250 ≥ VDK_{tos} > 240 l/ħasla	allura	Marka = 0
JekkVDK_{tos} ≤ 60 l/ħasla	allura	Marka = 4
Marka massima = 4		

Fosfati (F):

Jekk*f* > 10 g/ħasla	allura	ESKLUŻJONI
Jekk*f* ≤ 9 g/ħasla	allura	Marka = 4 – *f*/3
Jekk10 ≥ *f* > 9 g/ħasla	allura	Marka = 0
Marka massima = 4		

Sustanzi organiċi mhux biodegradabbli aerobiċi (OMBDa):

Jekk*anbdo* > 1 g/ħasla	allura	ESKLUŻJONI
Jekk*anbdo* ≤ 0,15 g/ħasla	allura	Marka = 4 – a*nbdo*/0,05
Jekk1 ≥ a*nbdo* > 0,15 g/ħasla	allura	Marka = 0
Marka massima = 4		

Sustanzi organiċi mhux biodegradabbli anaerobiċi (OMBDan):

Jekk *annbdo* > 0,2 g/ħasla	allura	ESKLUŻJONI
Jekk *annbdo* ≤ 0,15 g/ħasla	allura	Marka = 4 – an*nbdo*/0,05
Jekk 0,2 ≥ an*nbdo* > 0,15 g/ħasla	allura	Marka = 0
Marka massima = 4		

Ingredjenti oħra kimiċi ġodda

(a) Fil-każ ta' sustanzi kimiċi jew ingredjenti ġodda li ma humiex imniżżla fid-database ta' ingredjenti ta' diterġenti għandu jiġi segwit il-metodu deskritt hawn f'Appendiċi I.B.

Data sperimentali għandha tiddaħħal mill-applikant lill-organizzazjoni kompetenti.

Għandha tiġi pprovduta d-data dwar biodegradabilità anaerobika (test ta' *ĊEETTK* Nru 28, Ġunju 1988).

Għandha tiġi provduta d-dokumentazzjoni kollha disponibbli dwar id-data li tiġi ppreżentata dwar biodegradazzjoni, tneħħija, effetti fuq tul ta' żmien (data EKEO) fuq ħut, *daphina magna*, alga.

Ir-referenza għat-testijiet relevanti għandha tkun l-Annessi adattati għad-Direttiva tal-Kunsill 67/518/KEE [1]

Id-disposizzjonijiet ta' Appendiċi I.B. għandhom jgħoddu, skond kif ikun adattat.

B'mod partikolari, jekk data sħiħa dwar effetti li jieħdu fit-tul (EKEO) ma tkunx disponibbli, il-proċeduri simplifikati relevanti deskritti f'Appendiċi I.B jistgħu jiġu applikati.

(b) Jista' jiġi segwit metodu ieħor jekk ikun rikonoxxut mill-Kummissjoni li jkun ekwivalenti għal dak li hemm referenza għalih fuq, għall-għanijiet speċifiċi li ssir stima tal-konformità mal-kriterji relevanti, fuq talba ta' l-organizzazzjoni kompetenti jew grupp ta' interess irrappreżentat fil-Forum ta' Konsultazzjoni ta' l-eko-tikketta (Artikolu 6 tar-Regolament (KEE) Nru 880/92).

2.4. **Kriterji ekoloġiċi oħra li għandhom x'jaqsmu ma' ingredjenti**

Ċerti ingredjenti speċifiċi ma għandhomx jaqbżu kontenut massimu fil-formulazzjoni ta' diterġent jew jiġu eskluży kif speċifikat taħt:

(a) is-*surfactant alkylphenothoxylate* (*APEO*), il-fwejjaħ li jkun fihom il-komponenti tan-nitro aromatiċi li hemm referenza għalihom f'Appendiċi II, l-aġent ta' formazzjoni tal-kumpless *EDTA* u ingredjenti [2] ikklassifikati bħala karċinoġeni, mutaġeni jew teratoġeni kif iddefiniti fid-Direttivi 67/548/KEE u 88/379/KEE huma eskluży;

[1] ĠU Ċ 196, tas-16.8.1967, p. 1.

[2] "Ingredjenti" tfisser jew sustanzi jew preparazzjonijiet.

(b) fosfati ma għandhomx jaqbżu 0,2 g/ħasla;

(ċ) komponenti totali ta' kloru ma għandhomx jaqbżu 0,l%. (1)

2.5. **Kriterji ekoloġiċi fuq imballaġġ tal-prodott**

Imballaġġ primarju biss jiġi kunsidrat. L-imballaġġ ma għandux jaqbeż 2,5 grammi għal kull unità ta' tħaddim. L-imballaġġ għandu jkun magħmul minn materjali li jistgħu jerġgħu jintużaw u/jew li jkunu riċiklabbli. L-imballaġġ tal-kartun għandu jkun 80 % ta' materjal irriċiklat u l-imballaġġ tal-plastik għandu jkun ittikkettjat skond OSI 1043.

3. KRITERJI TA' KAPAĊITA

Il-prodott għandu jkollu kapaċità ta' ħasil sodisfaċjenti bid-dosaġġ rakkomandat skond it-test standard żviluppat b'IKW. Għandu jaħdem l-aħjar f'55 °Ċ jew f'temperatura inqas. Din għandha tkun dokumentata mill-manifattur.

4. ITTESTTJAR

4.1. **Test dwar il-purità ta' enżimi sabiex ikun ivverifikat in-nuqqas ta' organiżmi li jipproduċu**

Għandu jsir test dwar il-purità ta' enżimi fuq enżimi li jiġu prodotti minn proċess bioteknoloġiku u użat f'diterġenti għal *dishwashers* li japplikaw għall-eko-tikketta. Huwa l-għan ta' dan it-test li jiżgura li ma jkunx hemm organiżmi ta' il-produzzjoni fil-preparazzjoni ta' enżimi finali.

It-tkabbir ta' mikro-organiżmi jiġi ttestjat flimkien ma' antibiotiċi speċifiċi. Il-proċedura tat-test dwar il-purità għandha tiżgura li ma jinstab l-ebda organiżmu ta' il-produzzjoni f'kampjun ta' test standard ta' 20 ml tal-prodott ta' enżimi finali.

4.2. **Laboratorji li jittestjaw**

L-ittestjar għandu jsir fuq ħlas mill-applikant mil-laboratorji li jissodisfaw il-ħtiġiet ġenerali preskritti fi standards *EN* 45001 jew kwalunkwe sistemi ekwivalenti.

5. INFORMAZZJONI GĦALL-KONSUMATUR

5.1. **Informazzjoni dwar l-imballaġġ**

L-informazzjoni segwenti għandha tidher fuq il-prodott:

"Bħala regola ġenerali:

— uża diterġenti li jaħdmu f'temperaturi ta' inqas minn 65°Ċ,

— agħżel ċikli ta' ħasil ta' temperatura baxxa fuq id-*dishwasher*,

— aħsel bil-magna mimlija,

— taqbiżx id-dosaġġ rakkomandat,

— dan inaqqas kemm il-konsum ta' l-enerġija u ta' l-ilma u jnaqqas it-tniġġis ta' l-ilma".

"Dan il-**prodott ingħata l-eko-tikketta ta' l-Unjoni Ewropea minħabba li jgħin sabiex inaqqas it-tniġġis ta' l-ilma, il-produzzjoni tal-ħela u konsum ta' enerġija".**

Għal aktar informazzjoni dwar it-tikketta ta' l-Unjoni Ewropea, ikkuntattja lill-Kummissjoni Ewropea:
Internet: http://europa.eu.int/ecolabel
Bil-posta:Kummissjoni Ewropea DG XI E4
Rue de la Loi 200,
B - 1049 Bruxelles/ Westraat 200,
B - 1049 Brussel.

5.2. **Struzzjonijiet dwar id-dożaġġ.**

Għandu jkun hemm struzzjonijiet dwar id-dożaġġ fuq il-pakkett tal-prodott. Id-dożaġġi rrakkomandati għandhom jispeċifikaw għal dixxijiet maħmuġin "normali" u "ħafna". L-istruzzjonijiet għandhom jispeċifikaw kif tagħmel l-aħjar użu mill-prodott skond il-ħmieġ.

(1) Fl-okkażjoni tar-reviżjoni futura tal-kriterji, sejra tingħata attenzjoni partikolari għall-ħruġ.: ta' komponenti ta' kloru bil-ħsieb li tiġi kkunsidrata l-inklużjoni finali tagħhom.

5.3. **Informazzjoni u ttikkettjar ta' ingredjenti**

Għandha tiġi applikata Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 89/542/KEE tat-13 ta' Settembru 1989 dwar l-ittikkettjar ta' diterġenti u aġenti ta' tindif [1]:

Il-gruppi ta' ingredjenti segwenti għandhom ikunu ttikkettjati:

— Enżimi: indikazzjoni tat-tip ta' enżimi.

— Aġenti ta' preservazzjoni: karatterizazzjoni u ttikkettjar skond in-nomenklatura *UIKPA*.

— Jekk il-prodott ikun fih il-fwieħa, din għandha tkun murija fuq l-imballaġġ.

[1] ĠU L 291, ta' l-10.10.1989, p. 55.

Appendiċi I

DATABASE TA' L-INGREDJENTI TA' DITERĠENTI U L-METODU LI GĦANDU JIĠI SEGWIT GĦAL INGREDJENTI MHUX IMNIŻŻLA FID-*DATABASE*

A. **Id-data mogħtija hawn taħt dwar l-iżjed ingredjenti li l-aktar jintużaw għandha tintuża għall-kalkolazzjoni tal-kriterji ekoloġiċi (ara l-lista segwenti):**

DATABASE TA' INGREDJENTI TA' DITERĠENTI

Nru DID	Ingredjent	Tossiċita		Fattur ta'żjieda	Anaerobiku Mhux biodeg -radabbl	Aerobiku Mhux biodeg-radabbli	Inorg-aniċi li jdubu	Inorganiċi li ma jdubux	DTEO
		EKEO imkejjel	ETŻ						
	Anionoc surfactants								
1	C 10-13 LAS (Na Ø 11,5-11,8, C14 < 1 %	0,3	0,3	0,05	Y, KT = 0,75	0	0	0	2,3
2	LAS ohra (C14 > 1 %)	0,12	0,12	0,05	Y, KT = 1,5	0	0	0	2,3
3	C 14/17 Alkylsulfonate	0,27	0,27	0,03	Y, KT = 0,75	0	0	0	2,5
4	C 8/10 Alkylsulfonate	KE_{50} = 2,9	0,15	0,02	0	0	0	0	1,9
5	C 12/15 AS	0,1	0,1	0,02	0	0	0	0	2,2
6	C 12/18 AS	$FŻ_{50}$ = 3	0,15	0,02	0	0	0	0	2,3
7	C 16-18 FAS	0,55	0,55	0,02	0	0	0	0	2,5
8	C 12/15 A 1-3 *EO* sulphate	0,15	0,15	0,03	0	0	0	0	2,1
9	C 16/18 A 3-4 *EO* sulphate	L'ebda data valida	0,1	0,03	0	0	0	0	2,2
10	C 8-*Dialkylsulfosuccinate*	$FŻ_{50}$ = 7,5	0,4	0,5	Y, KT = 1,5	0	0	0	2
11	C 12/14 *sulpho-fat.-acid* methylester	KE_{50} = 5	0,25	0,05	Y, KT = 0,75	0	0	0	2,1
12	C 16/18 *sulpho-fat.-acid* methylester	0,15	0,15	0,05	Y, KT = 0,75	0	0	0	2,3
13	C 14/16 alpha olefine sulphonate	$FŻ_{50}$ = 2,5	0,13	0,05	Y, KT = 0,75	0	0	0	2,3
14	C 14/18 alpha olefine sulphonate	$FŻ_{50}$ = 1,4	0,07	0,05	Y, KT = 2,0	0	0	0	2,4
15	C12-22 SAPU	EC0 = 1,6	1,6	0,05	0	0	0	0	2,9
	Non-ionoc surfactants								
16	C 9/11 A > 3-6 *EO* lin. jew mono br.	KE_{50} = 3,3	0,7	0,03	0	0	0	0	2,4
17	C 9/11 A > 6-9 *EO* lin.jew mono br.	KE_{50} = 5,4	1,1	0,03	0	0	0	0	2,2
18	C 12-15 A 2-6 *EO* lin. jew mono br.	0,18	0,18	0,03	0	0	0	0	2,5
19	C 12-15 (Avg C < 14) A > 6-9 *EO* lin. jew mono br.	0,24	0,24	0,03	0	0	0	0	2,3
20	C 12-15 (Avg. C > 14) A > 6-9 *EO* lin.jew mono br.	0,17	0,17	0,03	0	0	0	0	2,3
21	C 12-15 A > 9-12 *EO*	$FŻ_{50}$ = 0,8	0,3	0,03	0	0	0	0	2,2
22	C 12-15 A > 20-30 *EO*	KE_{50} = 13	0,65	0,05	0	0	0	0	2
23	C 12-15 A > 30 *EO*	$FŻ_{50}$ = 130	6,5	0,75	0	0	Y	0	0* (1)

(1) σ-DTEO għal sostanzi organiċi mhux degradabbli huwa ssettjat għal 0.

Nru DID	Ingredjent	Tossiċita		Fattur ta'żjieda	Anaerobiku Mhux biodeg-radabbl	Aerobiku Mhux biodeg-radabbli	Inorg-aniċi li jdubu	Inorganiċi li ma jdubux	DTEO
		EKEO imkejjel	ETŻ						
24	C 12/18 A 0-3 *EO*	L-ebda data	0,01	0,03	0	0	0	0	2,9
25	C 12-18 A 9 *EO*	0,2	0,2	0,03	0	0	0	0	2,4
26	C 16/18 A 2-6 *EO*	0,03	0,03	0,03	0	0	0	0	2,6
27	C 16/18 A > 9-12 *EO*	$F\dot{Z}_{50}$ = 0,5	0,05	0,03	0	0	0	0	2,3
28	C 16/18 A 20-30 *EO*	KE_{50} = 18	0,36	0,05	0	0	0	0	2,1
29	C 16/18 A > 30 *EO*	$F\dot{Z}_{50}$ = 50	2,5	0,75	0	Y	0	0	0* (1)
30	C 12/14 *GlucOSE Amide*	4,3	4,3	0,03	0	0	0	0	2,2
31	C 16/18 *GlucOSE Amide*	0,116	0,116	0,03	0	0	0	0	2,5
32	C 12/14 *Alkylpolyglucoside*	1	1	0,03	0	0	0	0	2,3
	Amphoteric surfactants								
33	C 12-15 Alkyldimethylbetaine	0,03	0,03	0,05	Y, KT = 2,5	0	0	0	2,9
34	Alkyl (C 12-18) amidopropylbetaine	0,03	0,03	0,05	Y, KT = 2,5	0	0	0	2,8
	Sud controllers								
35	Silikon	KE_{50} = 241	4,82	0,4	Y, KT = 0,75	Y	0	0	0,0
36	Paraffin	L-ebda data	100	0,4	0	Y	0	0	0* (1)
	Trattib tad-drapp								
37	Gliċerina	$F\dot{Z}_{50}$ > 5-10 gl	1 000	0,13	0	0	0	0	1,2
	Builders								
38	Fosfat bhala *STPP*		1 000	0,6	0	0	Y	0	0,0
39	Żeolite A	120	120	0,05	0	0	0	Y	0,0
40	*Citrate*	KE_{50} = 85	85	0,07	0	0	0	0	0,6
41	Polikarbonati u d-derivati tagħhom	124	124	0,4	Y, KT = 0,1	Y	0	0	0* 1 (1)
42	*Clay*		1 000	0,05	0	0	0	Y	0,0
43	Karbonat/bikarbonat	$F\dot{Z}_{50}$ = 250	250	0,8	0	0	Y	0	0,0
44	Fatty acid (C > = 14)	EC0 = 1,6	1,6	0,05	0	0	0	0	2,9
45	*Silicate/disilicate*	KE_{50} > 1 000	1 000	0,8	0	0	Y	0	0,0
46	NTA	19	19	0,13	0	0	0	0	0,6
47	*Polyaspartic acid, Na salt*/melħ	125	12,5	0,13	Y, KT = 0,1	0	0	0	1,2

(1) σ-DTEO għal sostanzi organiċi mhux degradabbli huwa ssettjat għal 0.

Nru DID	Ingredjent	Tossiċita		Fattur ta'żjieda	Anaerobiku Mhux biodeg-radabbl	Aerobiku Mhux biodeg-radabbli	Inorg-aniċi li jdubu	Inorganiċi li ma jdubux	DTEO
		EKEO imkejjel	ETŻ						
	Ibbliċjar								
48	Perborate mono (bhala borate)	1 – 10	6	1	0	0	Y	0	0,0
49	Perborate tetra (bhala borate)	1 – 10	6	1	0	0	Y	0	0,0
50	Perkarbonat (ara karbonat)	$FŻ_{50}$ = 250	250	0,8	0	0	Y	0	0,0
51	TAED	EC0 = 500	EC0 = 500	0,13	0	0	0	0	2,0
	Solventi								
52	C 1 – C 4 *alcohols*	$FŻ_{50}$ = 8 000	100	0,13	0	0	0	0	2,3
53	*Monoethanolamine*	0,78	0,78	0,13	0	0	0	0	2,7
54	*Diethanolamine*	0,78	0,78	0,13	0	0	0	0	2,3
55	*Triethanolamine*	0,78	0,78	0,13	0	0	0	0	2
	Tahlita								
56	*Polyvinylpyrrolidon* (PVP/PVNO/PVPVT)	KE_{50} > 100	100	0,75	Y, KT = 0,1	Y	0	0	0* (1)
57	*Phosphonates*	7,4	7	0,4	Y, KT = 0,5	Y	0	0	0* (1)
58	*EDTA*	EKEO = 11	11	1	Y, KT = 0,1	Y	0	0	0* (1)
59	CMC	$FŻ_{50}$ > 250	250	0,75	Y, KT = 0,1	Y	0	0	0* (1)
60	Na Sulfat	KE_{50} = 2 460	1 000	1	0	0	Y	0	0,0
61	Mg Sulfat	KE_{50} = 788	800	1	0	0	Y	0	0,0
62	Na *Chloride*	KE_{50} = 650	650	1	0	0	Y	0	0,0
63	Urea	$FŻ_{50}$ > 10 000	100	0,13	0	0	0	0	2,1
64	*Maleic acid*	$FŻ_{50}$ = 106	2,1	0,13	0	0	0	0	0,8
65	*Malic acid*	$FŻ_{50}$ = 106	2,1	0,13	0	0	0	0	0,6
66	*Ca formiate*		100	0,13	0	0	0	0	2,0
67	*Silica*		100	0,05	0	0	0	Y	0,0
68	*Higg MW polymers PEG > 4 000*		100	0,4	0	Y	0	0	0* (1)
69	*Low MW polymers PEG < 4 000*		100	0,13	0	0	0	0	1,1
70	*Cumene sulphonate*	$FŻ_{50}$ = 66	6,6	0,13	Y, KT = 0,25	0	0	0	1,7
71	*Xylene suiphonate*	$FŻ_{50}$ = 66	6,6	0,13	Y, KT = 0,25	0	0	0	1,6

(1) σ-DTEO għal sostanzi organiċi mhux degradabbli huwa ssettjat għal 0.

Nru DID	Ingredjent	Tossiċita		Fattur ta'żjieda	Anaerobiku Mhux biodeg-radabbl	Aerobiku Mhux biodeg-radabbli	Inorg-aniċi li jdubu	Inorganiċi li ma jdubux	DTEO
		EKEO imkejjel	ETŻ						
72	*Toluén-szulfonátok*	$FŻ_{50}$ = 66	6,6	0,13	Y, KT = 0,25	0	0	0	1,4
73	Na-/Mg-/KOH		100	1	0	0	Y	0	0,0
74	*Enżimi*	$FŻ_{50}$ = 25	25	0,13	0	0	0	0	2,0
75	*Tahlitiet ta' fwejjah kif wżati*	$FŻ_{50}$ = 2-10	0,02	0,1	Y, KT = 3,0	Y	0	0	0 (1)
76	*Dyes*	$FŻ_{50}$ = 10	0,1	0,4	Y, KT = 3,0	Y	0	0	0 (1)
77	*Lamtu*	L-ebda data	250	0,1	0	0	0	0	0,97
78	*Zn Phtalocyanine suiphonate*	EKEO = 0,16	0,016	0,07 (2)	Y, KT = 2,5	Y	0	0	0 (1)
79	*Anionic Polyester (Soil release*	EKEO = 310	310	0,4	Y, KT = 0,1	Y	0	0	0 (1)
80	*Iminodisuccinate*	23	2,3	0,13	Y, KT = 0,25	0	0	0	1,1
	Apparat ottiku li jdawwal (FWA)								
81	FWA 1 (3)	FŻ0 = 10	1,0	0,4	Y, KT = 1,5	Y	0	0	0 (1)
82	FWA 5 (4)	3,13	3,13	0,4	Y, KT = 0,5	Y	0	0	0 (1)
	Ingredjenti oħra								
83	*Alkyl Aminoxides* (C 12-18)	EC0 = 0,08	0,08	0,05	Y, KT = 2,5	0	0	0	3,2
84	*Glycereth* (C 6-17) *EO cocoate*	KE_{50} = 32	1,6	0,05	0	0	0	0	2,1
85	*Phosphate esters* (C 12-18)	EC50 = 38	1,9	0,05	Y, KT = 0,25	0	0	0	2,3

(1) σ-DTEO għal sostanzi organiċi mhux degradabbli huwa ssettjat għal 0.

(2) Fotodegradazzjoni ta' malajr

(3) *FWA 1*-Disodium 4,4'-bis (4-anilino-5-morpholino-1,3,5-triazin-2-yl) amino stilbene-2,2'-disulfonate.

(4) *FWA 5*-Disodium 4,4'-bis (2-sulfostyryl) biphenyl.

Noti:

I = Iva
FK = Fattur ta' korrezzjoni, li għandu jiġi applikat skond id-dożaġġ Imfisser fi g/ħasla
0 = li ma għandux jiġi użat

EKEO = konċentrazzjoni mkejla mhux osservata
ETŻ = Effett għal tul ta' żmien
DTEO = Domanda teoretika ta' ossiġenu

B. **Il-metodu segwenti japplika, skond kif ikun adattat fil-każ ta' ingredjenti li ma humiex imniżżla fil-lista-*DID***

Tossiċità akkwatika

Id-data l-inqas ivvalidata ta' effett għal tul ta' żmien (ETŻ) fuq ħut, *daphnia magna* jew alga għandha tiġi kkunsidrata għall-kalkolazzjoni tal-kriterju ta' volum ta' dilwizzjoni kritiku (tossiċità).

F'każijiet fejn tintuża data dwar omoloġiji u/jew AASKijiet (Affarijiet li għandhom x'jaqsmu ma' Attività Strutturali Kwantitattiva), tista' tiġi kkunsidrata korrezzjoni għad-data ETŻ magħżula l-aħħar.

Fin-nuqqas ta' data ETŻ għandha tiġi applikata l-proċedura segwenti sabiex tiġi stmata d-data ETŻ segwenti billi jiġi użat il-fattur ta' inċertezza speċifikat (FI) fuq id-data ta' l-aktar speċi sensittivi:

Mhux surfactants

DATA DISPONIBBLI	FI LI GĦANDU JIGI WŻAT
Għallinqas żewġ $FŻ_{50}$ akuti fuq ħut jew daphnia jew alga	*100*
EKEO fuq ħut, daphnia jew alga	10
EKEO fuq ħut, daphnia jew alga	5
EKEO fuq ħut, daphnia jew alga	1
	Hu l-inqas EKEO validat

Tista' tkun permessa devjazzjoni minn din ir-regola jekk tista tkun ipprovduta evidenza li fatturi jew data aktar baxxi jistgħu jkunu xjentifikament iġġustifikati.

Surfactants

DATA DISPONIBBLI	FI BIEX JIĠI UŻAT
Almenu żewġ EKEO fuq ħut jew *daphnia* jew algae	1 (l-inqas EKEO)
1 EKEO fuq ħut *daphnia* jew algae	1 (EKEO – jew l-ispeċi tkun
l-iktar sensittiva fit-tossiċità akuta 3 $FŻ_{50}$ fuq ħut *daphnia* jew algae	20 (l-inqas $FŻ_{50}$)
Almenu wieħed $FŻ_{50}$ fuq ħut, *daphnia* jew algae	50 (l-inqas $FŻ_{50}$)
	jew 20 f'każijiet speċifiċi (ara hawn isfel)

Fl-aħħar każ li sar referenza għalih fuq, fattur ta' inċertezza ta' 20 jista' jiġi użat minflok 50 biss jekk ikun hemm data ta' 1-2 L(E)C50 ($FŻ_{50}$ fil-każ ta' tossiċità tal-ħut, KE_{50} fil-każ ta' tossiċità ta' daphnia jew ta' alga) disponibbli u jekk jista' jiġi konkluż mill-informazzjoni għal komponenti oħra li l-aktar speċi sensittivi kienu ġew ittestjati. Regoli bħal din tista' tiġi applikata biss fi grupp ta' omoloġiji. Għandu jkun enfassizat li ETŻ (effetti fuq tul ta' żmien) użati għandhom ikunu konsistenti fi grupp ta' omoloġiji fir-rigward ta' l-influwenza tat-tul ta' ħolqa l-alkyl għal LAS (linear alkylbenzene sulphonate) jew numru ta' *EO*ijiet (ethoxy groups) għal alcoħol-*ethoxylate* jekk ikun jistgħu jiġu stabbiliti QSARijiet tali.


Kwalunkwe devjazzjoni mill-iskema deskritta fuq għandu jkollha raġuni tajba għall-kimika speċifika.

Fatturi ta' tgħabbija

Il-fatturi ta' tgħabbir għandhom jiġu stabbiliti skond Direttiva tal-Kummissjoni 93/67/KEE ta' l-20 ta' Lulju 1993 li jippreskrivu l-prinċipji għal stima ta' riskju għan-nies u l-ambjent ta' sustanzi nnotifikati bi qbil mad-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE [1]) u r-Regolament tal-Kunsill Nru 793/93 [2])

[1] ĠU L 227, 8.9.1993, p. 9.
[2] ĠU L 84, 5.4.1993, p. 1.

Organiċi mhux biodegradabbli (anaerobiċi): flow diagram li tiddefinixxi fatturi ta' korrezzjoni (FK) (1)



BL: Biodegradabilità aerobika lesta
ETŻ: Effett fuq tul ta' żmien
FK: Fattur ta' korrezzjoni

(1) Il-fatturi ta' korrezzjoni għandhom jiġu stabbiliti fuq il-bażi tal-proprjetajiet ta' l-ingredjenti u applikati skond id-dożaġġ imfisser fi g/ħasla.

Appendiċi II

DEFINIZZJONIJIET LI GĦANDHOM X'JAQSMU MA' KRITERJI EKOLOĠIĊI

1. **Sustanzi kimiċi totali**

Sustanzi kimiċi totali huma d-dożaġġ minbarra l-kontenut ta' ilma fi g/ħasla.

2. **Tossiċità ta' volum ta' dilwizzjoni kritika (VDK_{tos})**

It-VDKtos hija maħduma għal kull ingredjent fil-formulazzjoni skond id-data rispettivi għall-fatturi ta' tgħabbir (FT) u effetti ta' żmien fit-tul (EŻT) fil-lista-*DID* f'l/ħasla:

$$VDK_{tos}(\text{ingredjent i}) = \frac{\text{piż/ħasla(i)} \times FT(i) \times 1000}{ETŻ\ (i)}$$

It-VDK_{tos} tal-prodott hija t-total ta' l-ingredjenti VDKtos f'l/ħasla.

3. **Fosfati (bħala *STPP*)**

Piż għal kull ħasla tal-fosfati inorganiċi kollha mfissra bħala *STPP*, fi g/ħasla.

4. **Affarijiet organiċi mhux biodegradabbli (aerobiċi)**

Piż għal kull ħasla ta' l-ingredjenti kollha li huma sustanzi organiċi mhux biodegradabbli aerobikament (ara lista-*DID*) fi g/ħasla.

5. **Sustanzi organiċi mhux biodegradabbli (anaerobiċi)**

Piż għal kull ħasla ta' l-ingredjenti kollha li ma humiex biodegradabbli li jużaw fatturi ta' korrezzjoni rispettivi (ara lista-*DID*) fi g/ħasla.

6. **Musk tan-nitru**

Musk xylene: 5-tert-butyl-2,4,6-trinitro-m-xylene

Musk ambrette: 4-tert-butyl-3-methoxy-2,6-dinitrotoluene

Moskene: 1,1,3,3,5-pentamethyl-4,6-dinitroindan

Musk tibetine: 1-tert-butyl-3,4,5-trimethyl-2,6-dinitrobenzene

Musk ketone: 4'-tert-butyl-2',6'-dimethyl-3',5'-dinitroacetaphenone

Appendiċi III

DATA U INFORMAZZJONI LI GĦANDHA TKUN MEĦTIEĠA MINGĦAND L-APPLIKANT MILL-ORGANIZZAZJONI KOMPETENTI LI TIRĊIEVI L-APPLIKAZZJONI GĦALL-EKO-TIKKETTA

1.1. **Dikjarazzjoni tal-formolazzjoni tal-prodott u kalkolazzjoni tal-kriterji**

L-organizzazjoni kompetenti għandha teħtieġ mingħand il-manifattur li japplika għall-eko-tikketta li jdaħħal:

— il-formolazzjoni eżatta tal-prodott,

— id-deskrizzjoni kimika eżatta ta' l-ingredjenti (eż. identifikazzjoni skond *UIKPA*, CAS Nru, total u formoli strutturali, purità, tip u persentaġġ ta' impurità, addittivi; għal taħlitiet per eżempju *surfactants*: numru *DID*, komposizzjoni u spettru ta' distribuzzjoni ta' omoloġiji, isomers, u ismijiet tan-negozju); evidenza analitika tal-komposizzjoni ta' *surfactants*,

— it-tunnellaġġ eżatt ta' prodott li jitpoġġa fis-suq (jiġi rrapportat nhar l-1 ta' Marzu, jkollu x'jaqsam mas-sena ta' qabel),

— il-kalkolazzjoni ddettaljata tal-kriterji,

— għandhom jiġu pprovduti rapport imqassar tat-test dwar il-purità ta' enżimi skond punt 4 ta' l-Anness għal din id-Deċiżjoni u ċertifikazzjoni li ma jkunx fih organiżmi tal-produzzjoni

— dikjarazzjoni li:

— Il-prodott ma fihx is-*surfactant* alkylphenothoxylate (*APEO*), il-fwejjaħ li jkun fihom il-komponenti tan-nitro aromatiċi li hemm referenza għalihom fl-Appendiċi II, aġent ta' formazzjoni tal-kumpless *EDTA* u ingredjenti klassifikati bħala karċinoġeni, mutaġeni jew teratoġeni kif definiti f'Direttivi 67/548/KEE u 88/379/KEE.

— Fosfati ma jaqbżux 0,2 g/ħasla.

1.2. **Test ta' kapaċità ta' ħasil**

L-applikant għandu jdaħħal ir-riżultati tat-test ta' kapaċità ta' ħasil għand l-organizzazjoni kompetenti.

1.3. **Apparat tad-dożaġġ, imballaġġ u informazzjoni għall-konsumatur**

Sabiex tingħata prova tal-konformità mal-ħtiġiet imsemmija fuq, il-pakketti tal-prodott u l-apparat tad-dożaġġ għandhom ikunu meħtieġa mill-organizzazjoni kompetenti mingħand l-applikant għall-prodott kunsidrat.

Fil-każ ta' differenzi fir-rigward ta' swieq nazzjonali differenti, u daqs ta' ppakkjar differenti jkun hemm bżonn ta' din id-*data* kollha.

1.4. **Applikazzjoni għall-eko-tikketta għal diterġenti**

L-organizzazjoni kompetenti nazzjonali tista' tivverifika fuq il-post lill-kumpanija li tagħmel applikazzjoni u żżur il-faċilitajiet tal-produzzjoni u l-imballaġġ .

L-organizzazjoni kompetenti nnifisha għandha tiżgura li applikazzjonijiet jiġu ppreżentati skond il-ħtiġiet relevanti tar-Regolament (KEE) Nru 880/92 u l-ħtiġiet proċedurali.

Appendiċi IV

LISTA TA' TAQSIRIET

APEO: alkyl phenol ethoxylates
BCF: fatturi ta' bio-konċentrazzjoni fil-ħut
CDVtox: volum kritiku ta' dilwizzjoni tossika (tossiċità)
CEN: Organizzazzjoni ta' Standards Ewropej
CF: fattur ta' korrezzjoni
DIN: Deutsches Institut für Normung
EOs: gruppi ethoxy
EC50: konċentrazzjoni li tagħmel effett (konċentrazzjoni li fiha 50 % ta' l-organiżmi juru effett f'ħin definit)
ECETOC: Ċentru Ewropew għal Ekotossiċità u Tossikoloġija ta' Sustanzi Kimiċi
EDTA: *ethylene diamine tetra acetate*
EN: Standard Ewropew
H_{excl}: ostakolu ta' esklużjoni
UIKPA: Unjoni Internazzjonali ta' Kimika Pura u Applikata
ISO: Organizzazzjoni ta' Standards Internazzjonali
LF: fattur ta' tagħbija
LC50: konċentrazzjoni letali (konċentrazzjoni li fiha 50 % ta' l-organiżmi juru effett letali f'ħin definit)
LTE: effett għal tul ta' żmien
NOEC: l-ebda konċentrazzjoni ta' effett osservata (f'test kroniku)
Pow: koeffiċjent ta' qsim octanol/ilma
QSARs: relazzjonijiet ta' attivita strutturali kwantitattiva
BL: biodegradabilità lesta
STPP: sodium tripolyphosphate
THOD: domanda teoretika ta' ossiġenu
UF: fattur ta' inċertezza
WF: fattur ta' *weighting*